MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 670/1999/1

**Kevin BUTTIĠIEĠ**

**vs**

**Saviour SAMMUT**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-22 ta' Marzu, 1999, li bih l-attur ippremetta:

Illi kien sar ftehim bejn il-kontendenti fejn il-konvenut ikkonsenja xarabank tal-marka Serpum (sic) (recte: "Supreme") numru ta' reġistrazzjoni 577 u dan taħt arranġament taħt forma ta' hire purchase fejn l-attur kellu jħallas persentaġġ mill- introjtu li għamel fuq ix-xarabank lill-konvenut meta jkun ħallas is-somma ta' Lm30,000 allura x-xarabank idur fuqu;

Illi in effetti l-attur laħaq ħallas is-somma ta' Lm7,000;

Illi fit-13 ta' Jannar 1999 b'mod abbużiv u illegali il-konvenut qabad u ħa x-xarabank lura u b'hekk kiser unilateralment il-ftehim viġenti bejn il-kontendenti;

Illi d-debitu huwa ċert, likwidu u dovut;

Illi l-konvenut m'għandhux eċċezzjonijiet x'jagħti in kontro-trattazzjoni għat-talbiet attriċi u għalhekk jeżistu ċirkostanzi kontemplati fl-artikoli 167 – 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-artikolu 167 – 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas u jirrifondi lura s-Lm7,000 lill-attur;

Bl-ispejjeż u l-imgħax u l-konvenut inġunt in subizzjoni;

Rat in-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien mal-affidavit tal-istess attur mehmuż magħha;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-7 ta' Marzu, 2000[1], li bih ħalliet lill-imħarrek Saviour Sammut jikkontesta l-kawża u jressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet;

Rat in-Nota mressqa fl-14 ta' Marzu, 2000, li biha l-imħarrek eċċepixxa:

1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż stante illi dak allegat mill-attur huwa għal kollox inveritier għaliex qatt ma eżistiet ir-relazzjoni allegata mill-istess attur;

[1] Paġ. 19 tal-proċess

2. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-eċċipjenti personalment ma għandu ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur għaliex dejjem innegozja għan-nom tas-soċjeta' kummerċjali ZS Company Limited;

3. Salv eċċezzjoniijet oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Rat is-sentenza preliminari tagħha (diversament presjeduta) tas-27 ta' Ġunju, 2001[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrek, bl-ispejjeż kontrih, u iddikjarat li huwa kien il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-23 ta' Novembru, 2001, li fih l-attur iddikjara li ma kienx għad fadallu provi xi jressaq;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik bil-meżż tal-affidavit u l-kontro-eżamijiet magħmula quddiem il-Qorti;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-18 ta' Frar, 2003, li fih l-imħarrek iddikjara li ma kienx għad fadallu provi oħrajn x'iressaq;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fis-27 ta' Marzu, 2003[3];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fis-6 ta' Mejju, 2003[4], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

[2] Paġġ. 185-8 tal-proċess
[3] Paġġ. 254-8 tal-proċess
[4] Paġġ. 260-8 tal-proċess

Rat id-Degrieti tagħha tal-21 ta' Mejju, 2003, tal-25 ta' Settembru, 2003, u tat-23 ta' Jannar, 2004, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza:

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal radd lura ta' flus imħallsin mill-attur lill-imħarrek. L-attur jgħid li kien ftiehem mal-imħarrek biex jixtri mingħandu *char-a-banc* bin-nifs, u, wara li kien għamel żmien iħallsu kif miftiehem, l-imħarrek ħadlu x-*char-a-banc* u żamm għalih il-flus li kien tħallas mingħand l-attur;

Illi, għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi qal li ma kienx minnu li kien hemm ir-rabta li l-attur jgħid li kien hemm bejniethom; u li lanqas kien hemm xi ftehim bejnu u bejn l-attur, għaliex l-attur kien ftiehem ma' kumpannija;

Illi, kif ingħad, it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrek ma ntlaqgħetx skond ma ngħad fis-sentenza *in parte* li ngħatat fis-27 ta' Ġunju, 2001;

Illi, fil-qosor, il-fatti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża juru li l-imħarrek, flimkien ma' ċertu Joseph "Tyson" Żammit, imexxu negozju ta' vetturi li jintużaw bħala meżżi ta' trasport pubbliku. Fost il-vetturi li kellhom f'idejhom, kien hemm dik tal-għamla "*Supreme 500*", reġistrata FBY-577 (ġja' Y-0577). F'Jannar tal-1998, l-attur beda jsuq l-imsemmi *char-a-banc*[5], u minn dak iż-żmien ħadha fil-pussess tiegħu. L-imsemmija vettura kienet reġistrata fuq isem ċertu Paċifico Cutajar[6]. Fi Frar tal-1998[7], l-imħarrek, Joseph Żammit u n-nisa tagħhom, iffurmaw kumpannija kummerċjali bl-isem ta' ZS Co. Limited. L-attur kien ħabat bix-*char-a-banc* meta kienet fil-pussess tiegħu u għall-ħabta ta' Jannar tal-1999, l-istess vettura kienet ittieħdet mill-imħarrek għand persuna biex tissewwa u mill-pussess tal-attur. L-attur fetaħ il-kawża fit-22 ta' Marzu tal-1999;

[5] Dok "SS1", f'paġ. 55 tal-proċess
[6] Dok "SS2", f'paġ. 65 tal-proċess
[7] Ara d-Dok f'paġġ. 131 sa 145 tal-proċess

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jeħtieġ li jsiru għas-soluzzjoni tal-każ iduru, b'mod ewlieni, fuq l-għamla ta' arranġament li kien jeżisti bejn l-attur u l-imħarrek. Kif tajjeb jisħqu ż-żewġ difensuri tal-partijiet, huwa meħtieġ li wieħed jiddetermina x'għamla ta' rabta kien hemm bejn il-partijiet, għaliex jidher ċar mis-sottomissjonijiet magħmula, li l-partijiet ma jaqblu xejn dwar x'għamla ta' pussess kellu l-attur fuq il-vettura mertu tal-każ. Il-ħtieġa li jiġi deċiż dan il-punt toħroġ l-iżjed minħabba l-fatt li ma jeżistix ftehim miktub li jfisser x'arranġament kien seħħ bejn l-attur u l-imħarrek;

Illi l-attur għażel li jibni l-każ tiegħu fuq il-premessa preċiża tal-kuntratt tal-bejgħ: anzi, huwa jiddikjara li l-arranġament kien wieħed ta' "*hire purchase*". Fi kliem ieħor, huwa qiegħed jixħet il-bażi tal-pretensjoni tiegħu għar-radd lura tal-ħlasijiet li huwa jgħid li għamel lill-imħarrek fuq il-kawżali tal-kuntratt ta' bejgħ u xiri b'riżerva tat-trasferiment tal-proprjeta'. L-imħarrek jibqa' sal-aħħar jiċħad li qatt kien hemm arranġament ta' bejgħ bejnu u l-attur. Il-liġi tfisser b'mod ċar meta u kif iseħħ il-kuntratt ta' bejgħ[8], magħdud dak ta' ħaġa mobbli. Il-liġi tirrikjedi biss qbil bejn il-partijiet dwar il-ħaġa u l-prezz li jkun suġġett għall-kuntratt, u ma jidhirx li wieħed għadu jista' jinsisti li, f'każ ta' bejgħ ta' vettura mekkaniżżata, jeħtieġ il-ftehim miktub bħala element kostitutiv tal-kuntratt ta' bejgħ u xiri[9], kif kien dejjem miżmum mill-qrati tagħna sa xi żmien ilu b'mod sagramentali;

Illi, naturalment, fil-każ preżenti (u f'każijiet oħrajn li jixxiebhu) kien ikun siewi ħafna li jkun hemm ftehim miktub, iżda l-iżjed biex jingħata timbru formali tal-arranġement li kien tassew jeżisti bejn il-partijiet. Għalhekk, filwaqt li s-sottomissjonijiet tal-imħarrek dwar in-nuqqas ta' ftehim bil-miktub bejn l-attur u l-imħarrek ma jistgħux jitqiesu mistħoqqa, se' jkun meħtieġ għall-Qorti li – ladarba l-partijiet isostnu teżijiet dijametrikament kontra xulxin dwar l-għan u l-għamla ta' pussess li l-attur kellu

---

[8] Art. 1347 tal-Kap. 16

[9] Ara. P.A. PS **17.11.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Cranes & Commercial Sales Ltd. vs Lawrence Micallef***

fuq il-vettura – tgħarbel x'kien tali arranġament f'termini legali;

Illi l-Qorti qieset sewwa x-xhieda mressqa mill-partijiet u tasal għall-fehma li ma setax kien hemm tassew ftehim ta' bejgħ bejn l-attur u l-imħarrek. Din il-fehma tinstilet minn għadd ta' fatturi, ewlenija fosthom tkun in-nuqqas ta' kunsens tal-partijiet dwar l-identita' tal-arranġament. Bl-ebda mod ma jista' jingħad li hemm xi ħjiel ta' qbil bejn il-partijiet dwar x'kien in-negozju veru bejniethom. Filwaqt li l-attur jgħid li kien hemm arranġament ta' bejgħ bin-nifs, l-imħarrek sa mill-bidu ċaħad dan u fisser li kien hemm arranġament ta' kiri. Waħda mill-elementi kostitutivi tal-kuntratt ta' bejgħ hija sewwasew il-qbil tal-fehma tal-partijiet kontraenti (dak li jissejjaħ il-*consensus in idem*) mhux biss dwar l-oġġett u l-prezz, iżda wkoll dwar il-fatt tal-bejgħ. Ladarba l-attur għażel li jibni l-każ tiegħu fuq il-premessa tal-kuntratt tal-bejgħ u fin-nuqqas ta' kitba li tixhed dan, kien jaqa' fuqu d-dmir li jipprova dak li jallega. Din il-prova ma tirriżultax fl-atti fi grad tali li tista' twassal lill-Qorti biex tilqagħha;

Illi ċ-ċirkostanzi mfissrin mill-attur u minn missieru dwar kif seħħ l-arranġament tal-bejgħ pretiż mill-attur iħallu bosta mistoqsijiet u dubji dwar jekk kienx hemm tassew ftehim ta' bejgħ u, jekk kien hemm, x'kienu t-termini veri tal-istess ftehim. Mill-banda l-oħra, l-imħarrek iressaq argumenti siewja u ta' min jixtarrhom dwar il-possibilita' li dak li jallega l-attur jagħmilx sens kuntrattwali u kummerċjali;

Illi l-Qorti żżid tagħmel riferenza wkoll għall-provi mressqin miż-żewġ naħat, li juru li (a) ix-xejra ta' negozju kif immexxi mill-imħarrek u sieħbu (u, aktar tard, mill-kumpannija li iffurmaw bejniethom) kienet li ma jbiegħux il-vetturi li jiġġestixxu bil-kundizzjonijiet allegati mill-attur[10]; (b) il-fatt li l-imħarrek u sieħbu għandhom sistema applikat ta' kiri tal-vetturi lil terzi b'arranġamenti speċifiċi[11]; (ċ) il-fatt li, fiż-żmien kollu rilevanti li x-*char-a-banc* dam f'idejn l-attur, l-imħarrek ma kienx is-sid tal-vettura; (d) l-arranġament li kellu missier l-attur innifsu fiż-żmien li kien

[10] Xhieda ta' Joseph Żammit, affidavit 12.12.2001, f'paġġ. 211-5 tal-proċess
[11] Xhieda ta' Jesmond Tonna, affidavit 1.3.2002, f'paġġ. 219-221 tal-proċess

ukoll jikri vettura mingħand l-imħarrek biex jaħdem biha[12]; u (e) l-istqarrija ripetuta li l-attur kien għamel ma' sieħeb ieħor li kien jaf li l-vettura kienet mikrija lilu mill-imħarrek[13];

Illi mbagħad, ukoll kieku l-Qorti kellha tasal biex timxi fuq il-premessa tal-azzjoni attriċi li l-ftehim bejn l-attur u l-imħarrek kien wieħed ta' bejgħ bin-nifs, il-fatt innifsu li l-pussess tal-attur intemm qabel ma hu kien ħallas il-prezz kollu ma jfisser xejn ħlief li, sa dak iż-żmien, il-kuntratt kien għadu wieħed ta' kiri fejn l-attur kien qiegħed jiġi mogħti l-jedd tal-użu tal-vettura[14] sakemm (jekk dan tassew kien il-każ) ikun ħallas il-prezz kollu miftiehem. Din il-konklużjoni wkoll twassal għal żewġ konsegwenzi fil-konfront tal-attur: l-ewwel waħda hi li r-riskju tal-oġġett (il-*periculum rei*) jgħaddi fuq il-kerrej minkejja li ma jkunx sar sid, u l-iżjed importanti, li kull ħlas li jkun sar sakemm jitħallas l-aħħar pagament, jitqies li jkun ħlas ta' kera u, għalhekk, mhux rifondibbli;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tasal biex tagħti raġun għas-sottomissjoni tal-imħarrek li, kieku l-attur tassew kien jemmen fl-eżistenza tal-kuntratt tal-bejgħ, it-talba tiegħu ma kinitx tkun għar-radd lura tal-flus miżmuma mill-imħarrek, imma għar-radd lura tal-vettura li dwarha l-attur suppost kien intrabat li jixtri;

Illi l-Qorti lanqas tista' tqis b'siewja s-sottomissjoni magħmula mill-abbli difensur tal-attur waqt it-trattazzjoni tal-għeluq tal-każ fis-sens li d-dritt vantat mill-attur huwa msejjes fuq l-indebitu u mhux fuq is-siwi tal-ftehim. Bilkemm għandu għalfejn jingħad li biex parti tibni l-azzjoni tagħha fuq il-fatt li ħaddieħor ikun stgħana a skapitu tagħha, irid ikun hemm il-prova li l-parti l-oħra tassew kisbet vantaġġ li ma kien bl-ebda mod jistħoqqilha jew li l-liġi ma tippermettix. F'dan il-każ, intwera l-kuntrarju: għaliex irriżulta li l-ħlas li l-attur ippermetta li l-imħarrek iżomm mill-ħlasijiet li kienet tagħmel l-Awtorita' għat-Trasport Pubbliku kien maqbul (ukoll jekk għar-raġuni li ħaseb l-attur) u għalhekk kien hemm il-kunsens

[12] Xhieda ta' James Buttiġieġ 23.11.2001, f'paġġ. 197 u 199 tal-proċess
[13] Xhieda ta' James Tonna, kontro-eżami, 21.6.2002, f'paġġ. 248-9 tal-proċess
[14] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Regina Auto Dealer Limited vs Miller Distributors Limited et.*** u l-għadd ta' deċiżjonijiet hemm imsemmija

tiegħu għal dan il-fatt.  Minbarra dan, jekk wieħed iqis li l-arranġament veru kien wieħed ta' kirja, allura ma jistax jingħad li l-ammonti miżmuma mill-imħarrek ma kellhomx korrispettiv validu u ġustifikat.  Għalhekk, hawnhekk ukoll, jonqsu l-elementi ewlenin kostitutivi tal-indebitu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrek, u

Filwaqt li **tastjeni milli tqis l-ewwel talba attriċi** fid-dawl tad-degriet tas-7 ta' Marzu, 2000;

**Tiċħad it-tieni talba attriċi** billi la hija mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess attur, għajr għall-ispejjeż tas-sentenza preliminari tas-27 ta' Ġunju, 2001, li għandu jbatihom l-imħarrek, kif hemm deċiż.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------